MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 2320/1997/1

Kawza fil-lista: 33

**Inez Debono armla minn Alfred u David, Paul, Marisa u Rosette Farrugia, ahwa Debono, ulied il-mejjet Alfred Debono**
**Vs**
**British American Insurance Co.Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Premess illi Alfred Debono, zewg l-attrici u missier l-atturi l-ohrajn, ahwa Debono, fl-14 ta' April 1997 hallas is-somma ta' tnejn u sittin lira Maltja u hmistax-il centezmu (LM62.15) bhala premium ghall-hlas ta' polza fuq il-hajja

(life insurance) – ara Dokument "ID1" – u liema polza nharget mis-socjeta' konvenuta;

Premess illi fil-25 ta' April 1997 l-imsemmi Alfred Debono kellu incident stradali u b'konsegwenza tieghu tilef hajtu;

Premess illi l-attrici fit-28 ta' April 1997 rceviet ittra minghand is-socjeta' konvenuta datata 24 ta' April 1997 indirizzata presumibbilment lil Alfred Debono fejn gie nfurmat li l-applikazzjoni tieghu ghal polza su-indikata ma kienetx giet accettata (ara dokument "ID2");

Premess illi c-cekk li kien mehmuz ma' dik l-ittra jgib id-data tal-21 ta' April 1997 (ara Dokument "ID3");

Premess illi kemm l-attrici Inez Debono u kif ukoll uliedha l-ohra l-atturi, qeghdin isostnu u jinsistu li skond il-ligi fil-mument tal-mewt ta' Alfred Debono, dik il-polza minnu mehuda irregolarizzat ruhha ghall-beneficcju taghhom, cioe' Inez Debono qua l-armla u l-atturi l-ohrajn qua eredi u kwindi interessati;

Premess illi bil-mod kif gabet ruhha s-socjeta' konvenuta fil-konfront ta' l-atturi jidher car li qeghda tipprova tiskarta l-obbligi taghha naxxenti mill-polza fuq indikata (ara dok. "ID4");

Premess illi s-socjeta' konvenuta mitluba biex thallas l-ammont assigurat b'dik il-polza lill-atturi, baqghet inadempjenti, anzi qeghda tinsisti li m'hijiex obbligata li taghmel dan fic-cirkostanzi;

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. tiddikjara li l-atturi huma ntitolati li jircievu l-inkass ta' flejjes minghand is-socjeta' konvenuta in virtu tal-polza ta' life insurance mahruga mill-mejjet Alfred Debono fl-14 ta' April 1997;

2. tordna u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta tghaddi ghal dan il-hlas lill-atturi bl-imghaxijiet legali mill-prezenti sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez u bis-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ma kienet tesisti ebda polza ta' assigurazzjoni fil-mument tal-mewt ta' Alfred Debono izda biss "application" li kienet giet mimlija u presentata lis-socjeta' konvenuta li ma kienetx ghadha accettata.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi mill-provi migjuba ddelinea ruhhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fl-14 ta' April 1997 Alfred Debono kien applika ghal Life Policy mas-socjeta' konvenuta rapprezentata mill-agent taghha Joseph Pawney. Di fatti it-tahdidiet li wasslu lil Alfred Debono biex jimla u jffirma l-applikazzjoni, saru bejn dawn it-tnejn. Fl-istess okkazzjoni Joseph Pawney kien informa lil Debono li skond il-prassi tas-socjeta' assikuratrici, qabel ma tittiehed decizjoni fuq l-applikazzjoni tieghu, dana kellu jissottometti ruhu ghall-ezami mediku in vista tal-fatt li huwa kellu 64 sena.

Konsegwentement, sar l-ezami mediku fil-15 ta' April, mit-tabib Dr.Martin Flores li dak in-nhar stess ghamel rapport mediku fejn, inter alia, irrakkomanda li "In view of uncontrolled hypertension and history of cerebrovascular accident, a full cardiovascular assessment is indicated for proper judgment."[1]

---

[1] Fol.41

Dan ir-rapport wasal ghand is-socjeta’ konvenuta fil-21 ta’ April, gurnata tat-Tnejn, u dak in-nhar stess l-underwriter Ramon Mizzi hass li, in vista tal-kontenut tar-rapport mediku, l-applikazzjoni ta’ Alfred Debono kellha tigi rifjutata; u ghalhekk, inhareg cheque datat 21 ta’ April 1997 ta’ Lm55.14 rapprezentanti refund tal-flus li Alfred Debono kien hallas ma’ l-applikazzjoni. Fl-24 ta’ April, gurnata tal-Hamis, saret covering letter indirizzata lill-imsemmi Alfred Debono fejn dan gie informat mis-socjeta’ assikuratrici li “we are unable to issue the relative policy.”[2] u li kien qed jinghata refund tal-flus imhallsa minnu mal-applikazzjoni. Din l-ittra ntbaghtet bil-posta, jew dak in-nhar stess jew l-ghadha 25 ta’ April, gurnata tal-Gimgha, u waslet fid-destinazzjoni taghha fit-28 ta’ April, gurnata tat-Tnejn.

Illi fil-frattemp, l-imsemmi Alfred Debono miet fil-25 ta’ April 1997 f’ incident stradali.

Il-vertenza bejn il-partijiet tirriduci ruhha ghas-segwenti. Illi l-atturi jsostnu u jallegaw li l-applikazzjoni kienet lahqet giet approvata qabel il-mewt ta’ Alfred Debono, u li l-konvenuti ghamlu dati skorretti fuq l-imsemmija korrispondenza sabiex jghatu l-impressjoni li d-decizjoni li ma jassikurawx lil Debono kienet ittiehdet qabel il-mewt tieghu. Minn naha l-ohra l-konvenuti jsostnu li d-dati indikati, kemm fuq il-korrispondenza kif ukoll fuq ic-cheque tar-refund, kienu korretti u li d-dewmien ta’ ftit granet sabiex waslet l-ittra tal-24 ta’ April, kien dovut ghall-fatt li kien hemm gurnata tal-Hadd f’ dan il-perijodu, kif ukoll ghar-ragunijiet amministrattivi, u cioe’ sakemm inkitbet l-ittra, u sakemm giet inserita fil-posta affari, ta’ gurnata jew tnejn.

Il-konvenuti jsostnu wkoll, u dan ma giex kuntrastat, li Alfred Debono kellu policies ohra ma’ l-istess socjeta’ assikuratrici, u dawn gew debitament onorati mal-mewt tieghu bil-hlas immedjat lill-eredi.

---

[2] Fol.7

Illi qabel xejn ghandu jigi rilevat, in tema legali, li min jallega fatti ghandu l-oneru tal-prova ta’ dawk il-fatti, u, ghalkemm fil-kamp civili huwa sufficjenti li din il-prova fil-grad taghha tasal sal-livell tal-bilanc ta’ probabilitajiet biex tkun sodisfacenti, zgur ma tistax tistrih biss fuq kongetturi u suspetti.

Fil-meritu l-Qorti tosserva li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuti u korroborata b’ diversi dokumenti, hija verosimili fic-cirkostanzi. Mill-provi jirrizulta provat li Alfred Deboni kien ntbaghat jaghmel ezami mediku ghand it-tabib inkarigat mis-socejta’ assikuratrici, u li dan sar l-ghadha li huwa ghamel l-applikazzjoni. It-tabib irrilaxxja r-rapport tieghu dak in-nhar stess tal-ezami u cioe’ fil-15 ta’ April u ghamel ir-rakkomandazzjoni tieghu fuq indikata. Il-Qorti tosserva li mhux inverosimili li, in vista tal-rakkomandazzjoni tat-tabib u kkunsidrata l-eta’ [64 sena] tal-assikurat prospettiv, il-kumpanija assikuratrici ddecidiet li ma tidholx ghar-riskju f’ dan il-kaz u ghalhekk ddecidiet li tirrifjuta l-applikazzjoni. Inoltre, mid-dokumenti prodotti minn Ian Zammit u cioe’ estratt mill-cashbook, u mill-mamma tac-cheque book li gie muri lil Qorti, jirrizulta li c-cheque tar-refund li jgib in-numru 14746 hareg fil-21 ta’ April 1997. Dan juri bic-car li dak in-nhar, u cioe’ erbat itjiem qabel il-mewt ta’ Alfred Debono, il-kumpanija konvenuta kienet diga’ ddecidiet li tirrifuta l-applikazzjoni. Ghalhekk ma ntbaghtix il-policy lil Debono, izda minflok, intbaghtet l-ittra datata 24 ta’ April 1997 kif fuq indikat.

Il-Qorti tosserva li dawn il-fatti ma jsibux kuntrast fil-provi jew li jfallu fuq livell ta’ versosimiljanza. Kif fuq indikat huma l-atturi li qed jallegaw agir skorrett da parti tas-socejta’ konvenuta li ghandhom l-oneru li jipprova sodisfacentement din l-allegazzjoni taghhom. Kongetturi u suspetti mhux sufficjenti, u fin-nuqqas ta’ provi li jikkontradixxu l-versjoni konvenuta, l-allegazzjonijiet tal-atturi jibqaw dawk li huma, u cioe’ mera allegazzjonijiet minghajr sostenn fil-provi.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi ma jimmeritawx li jigu milqugha stante li l-fatti li fuqhom huma bazati ma humiex sostni mill-provi, anzi jinsabu kontradetti mill-istess.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------